31992R1613

25.6.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 170/14

IR- REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1613/92 ta'-24 ta' Ġunju 1992 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3556/87 li jistabbilixxi regoli dettaljati għat-tħaddim tas-sistema ta' l-iffissar bil-quddiem taċ-ċertifikati fil-każ ta' ċerti prodotti fis-settur taċ-ċereali esportati f'forma ta' għaġin li huwa skond in-nomenklatura magħquda 1902 11 00 u 1902 19

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [1], kif ġie emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 674/92 [2], u b'mod speċjali l-Artikolu 24 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3556/87 [3], kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 4057/87 [4], stabilixxa regoli dettaljati għat-tħaddim tas-sistema ta' l-iffissar bil-quddiem taċ-ċertifikati fil-każ ta' ċerti prodotti fis-settur taċ-ċereali esportati fil-forma ta' għaġin li huwa skond is-sottotitoli 1902 11 00 u 1902 19 tan-nomenklatura magħquda; billi dak ir-Regolament ma baqax jgħodd mit-30 ta' April 1988;

Billi tagħrif dwar l-iffissar bil-quddiem huwa meħtieġ għat-tħaddim tal- punt 6 tal-ftehim bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar l-għaġin;

Billi r-Repubblika Taljana baqgħet tibgħat lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-iffissar taċ-ċertifikati bil-quddiem li jolqtu l-għaġin esportat lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika; billi huwa importanti li jkun magħruf ukoll l-iffissar bil-quddiem magħmul fi Stati Membri oħra;

Billi l-miżuri li jkopri dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3556/87 huwa hawnhekk emendat skond li ġej:

1. Il-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 1 huma mibdula b'dan li ġej:

   "it-taqisma 20 ta' l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem u ċ-ċertifikat innifsu msemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1760/83 għandha tindika biss dawk il-prodotti li huma skond is-sottotitoli 1902 11 00 u1902 19 tan-nomenklatura magħquda; sezzjoni 7 għandha timtela 'L-Istati Uniti ta' l-Amerika' jew 'barra l-Istati Uniti ta' l-Amerika'. Iċ-ċertifikat għandu jkollu obbligu għall-esportazzjoni kif indikat.";

2. it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 3(1) hija mibdula b'dan li ġej:

   "L-ammonti ta' għaġin li huma skond is-sottotitoli 1902 11 00 u 1902 19 tan-nomenklatura magħquda li għalihom ir-rata tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni kienet stabbilita bil-quddiem, id-data li fiha d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tal-għaġin lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika kienet aċċettata mill-awtoritajiet rilevanti tad-dwana, u d-data li fiha ċ-ċertifikat użat ta' l-iffissar bil-quddiem kien konsenjat.";

3. fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2), "DG III/B/2" hi mibdula b' "DG III/C/2";

4. it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4 hu mibdul b'dan li ġej:

   "Għandu jgħodd għaċ-ċertifikati li applikaw għalihom mill-1 ta' Lulju 1992."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Ġunju 1992.

F'isem il-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Viċi-President

---

[1] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 73, tad-19.3.1992, p. 7.
[3] ĠU L 337, tas-27.11.1987, p. 57.
[4] ĠU L 379, tal-31.12.1987, p. 31.